VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,809, 17 ta' Marzu, 2022*
*Taqsima B*

**A.L. 110 tal-2022**

## ATT DWAR L-AVUKAT TAL-ISTAT
## (KAP. 603)
## Regolamenti tal-2022 li jemendaw l-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar

BIS-SAĦĦA tas-setgħa mogħtija bl-artikolu 7(2) tal-Att dwar l-Avukat tal-Istat, il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2022 li jemendaw l-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Kap. 551.

Jemenda l-artikolu 11 tal-Att prinċipali.

**2.** Fil-paragrafu (i) tal-proviso tas-subparagrafu (iii) tal-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 11 tal-Att prinċipali l-kliem "l-Avukat Ġenerali għan-nom tal-Gvern;" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Avukat tal-Istat għan-nom tal-Gvern;".